MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Numru 86/2001

**Il-Pulizija**
(Supretendent Sandro Gatt)
**vs**
**Abdalmonim Mohamed Baoush**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abdalmonim Mohamed Baoush, ta' 31 sena, iben Mohamed u Naima imwielda Abdulmonim, imwieled Tripoli Libja fit-3 ta' Marzu 1973 prezentament residenti gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin u qabel kien residenti Zawitlildhamany, Tripoli, Libja, numru tal-passaport H 101884.99 mahrug f'Algaraboulli fl-24 ta' April 1999.
Talli f'dawn il-Gzejjer fil-31 ta' Jannar 2001 u f'dawn l-ahhar sitt xhur qabel din id-data, importa, gieghel li tigi

importata jew ghamel xi haga sabiex tista tigi importata medicina perikoluza f'dawn il-Gzejjer hlief skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U kif ukoll talli fl-istess data u cirkustanzi, assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex jbiegh jew jitraffika medicina f'dawn il-Gzejjer kontra id-dispozizzjoni ta' Ordinanza dwar Medicini perikoluzi jew ipprommova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u dan bi ksur ta' Artikolu 22 (1) (f) tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Semeghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-7 ta' April 2003.

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2004 l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u hekk tenna wara li l-Qorti fissritlu xi tfisser ammissjoni.

Issibu hati.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-Prosekuzzjoni dwar il-piena, l-aktar dwar kif l-akkuzat ghin lill-Pulizija fil-qadi ta' dmirijitha.

Rat l-artikolu 22 (1) (f) tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundanna lill-akkuzat tlett (3) snin prigunerija u multa ta' mitejn lira Maltija (Lm200). Miz-zmien ta' prigunerija

ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv. Il-Multa titbiddel fi prigunerija jekk ma tithallasx, illum tigi konvertita f'piena ta' prigunerija ta' erbghin jum (40).
Il-Qorti tordna l-qerda ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar reat u ghal dan il-ghan tahtar l-Ispizjar Mario Mifsud.
Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni a tenur ta' l-Artikolu 15 kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tilqaghha u tordna t-tnehhija minn dawn il-Gzejjer lil hati li qed tiddikjara immigrant ipprojbit meta jkun ghamel tajjeb ghall-pieni fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------